# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR PAUL SALIBA P.L.

### Seduta ta' nhar iT-Tlieta 23 ta' Jannar,2001 .

**Avviz numru : 31/00GT(PS)**

**Maltacom plc .**

**Vs**

**George Axiak.**

**It-Tribunal ;**

**Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u erba' liri maltin u sebgha u erbghin centezmu (LM204.47c) ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 555663 (CN - 300959), liema servizz gie installat fil-fond "Xanah", triq il-Qbajjar, Marsalforn, Ghawdex, skond kif jidher mill-kopja tas-"Service Agreement" esebita u markata dokument "A";**

**Ra r-risposta li permezz taghha l-konvenut, fost eccezzjonijiet ohra, eccepixxa, fl-ewwel lok, illi huwa ma ghandux iwiegeb ghat-talbiet attrici peress illi t-telefon imsemmi kien qed jigi uzat minn martu li fuqha kien registrat it-telefon . Il-konvenut ilu separat minn ma' martu sa mis-sena 1991, u fil-fatt joqghod ix-Xewkija fl-indirizz moghti ;**

**Semgha bil-gurament lill-konvenut u ezamina d-dokumenti esebiti u l-provi prodotti fir-rigward ta' din l-eccezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet ;**

**Ra l-verbali tal-5 ta' Dicembru, 2000, u tad-9 ta' Jannar, 2001, fejn il-kawza giet differita ghal lum ghal decizjoni dwar l-istess eccezzjoni preliminari ;**

**Jikkunsidra ;**

1. **Is-servizz tat-telefon bin-numru 555663 applikat ghalih Eileen Asciak, mart il-konvenut, li ffirmat l-applikazzjoni ("Service Agreement") fit-22 ta' Awissu, 1986 (dok. "A" fil-process) . Dan is-servizz gie installat fil-fond "Xanah", Triq il-Qbajjar, Marsalforn, Ghawdex, fejn l-istess Eileen Asciak kienet u baqghet toqghod .**
2. **Il-konvenut u martu sseparaw "de facto" madwar is-sena 1989 (xhieda tal-konvenut) . B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul**

**George Pisani tal-14 ta' Settembru 1991 (Dok . GA 1 fil-process), saret is-separazzjoni personali bejn il-konvenut u martu, u <u>giet xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom .</u>**

3. **Sadattant, il-konvenut, qabel u wara d-data tac-citat kuntratt ta' separazzjoni u tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, kien u baqa' jabita fil-fond numru 48, Triq l-Imgarr, Xewkija, Ghawdex, li hu divers minn dak li fih gie installat is-servizz telefoniku in kwistjoni . Il-post "Xanah", Triq il-Qbajjar, Marsalforn, Ghawdex, li fih gie installat is-servizz tat-telefon "de quo", mess lill-konvenut, pero' martu baqghet toqghod fih <u>sakemm siefret xi sentejn ilu (</u>xhieda tal-konvenut) .**
4. **Jirrizulta li dan is-servizz qatt ma gie trasferit minn fuq isem Eileen Asciak ghal fuq isem zewgha (il-konvenut), u, kif xehed il-konvenut, dan qatt ma ghamel uzu mill-istess servizz . Jghid ukoll li, wara li siefret martu, huwa mar fl-ufficcju tas-socjeta' attrici u talabhom biex is-servizz li kien hemm f'isem martu jinqata' . Imbaghad, huwa stess, nehha l-wires tal-linja tat-telefon li kien hemm fid-dar .**
5. **Minn korrispondenza esebita, jirrizulta li l-Korporazzjoni Telemalta, ghall-inqas sa Lulju 1996, baqghet tirrikonoxxi lil Eileen Asciak bhala responsabbli ghal hlas tal-kontijiet dovuti in konnessjoni ma' l-imsemmi servizz telefoniku (dok . GA2, GA2 1) .**
6. **Il-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici jkopri l-perijodu mill-1 ta' Ottubru, 1994, sat-2 ta' Mejju, 1999, -- cioe' <u>sussegwenti ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti</u> gia' ezistenti bejn il-konvenut u martu, li saret effettiva mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt citat datat <u>14 ta' Settembru, 1991</u> .**
7. **Fid-dawl tal-fatti premessi jirrizulta li ma kienx hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet, cioe' bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut, matul il-perijodu li ghalih qed jintalab il-kreditu.**

**Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar il-karenza ta' relazzjoni guridikat bejn il-partijiet, u jillibera lill-istess konvenut mill-osservanza tal-gudizzju ; bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra s-socjeta' attrici .**

**(ft) Paul Saliba**
**Gudikatur**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S3100GtPs
612